MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 341/2013

**Ludwig Calleja**
**ID 433173M**

**Vs**

**Carol Urry**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta' Gunju, 2013 fejn l-attur talab:

1. Illi l-konvenuta nkarigat lill-attur sabiex jaghmel diversi xogholijiet ta' kostruzzjoni, finishes, dawl u ilma fil-propjeta' taghha;

2. Illi minkejja li l-attur esegwixxa diversi xogholijiet kif ser jirrizulta fil-mori ta' dawn il-proceduri, il-konvenuta baqghet ma hallsitx dak kollu dovut minnha;

3. Illi l-konvenuta ghad fadlilha thallas bilanc ta' tlett elef u sittin ewro (€3,060) lill-attur;

4. Illi minkejja li giet interpellata ghal hlas, l-konvenuta baqghet inadempjanti.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess l-attur jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghogbu jikkundanna lill-konvenuta thallas lilu s-somma ta' tlett elef u sittin ewro (€3,060), bl-imghax dekoribbli skond il-ligi u bl-ispejjez inkluz ta' l-Ittra Ufficjali Numru. 774/13 u l-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment.

Il-konvenuta debitament notifikata pprezentat risposta fejn eccepiet:.

1. Illi x-xogholijiet ma sarux kif pattuiti, kif ser jigi ppruvat;

2. Illi hafna mill-ogetti li ntalab hlas ghalihom diga' thallsu skond il-quote tal-attur - anzi l-konvenuta halset xi erbgha u ghoxrin percentag (24%) aktar;

3. Illi bosta xogholijiet imhallsa ma sarux jew ma sarux skond is-sengha u l-arti, jew gew 'charged' darbtejn;

4. Fil-fatt qed issir kontro-talba kontestwalment.

Fl-istess waqt resqet kontro talba fejn talbet l-ammont ta' tlett elef erba' mija erbgha u disghin ewro (€3,494). L-attur ipprezenta risposta ghal din il-kontro talba u eccepixxa t-talbiet rikonvenzjonali ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess Carol Urry in kwantu privi minn kull fundament guridiku u fatwali;

Bl-ispejjez kontra Carol Urry li hija ingunta in subizzjoni.

Xehdu l-partijiet f'din il-kawza fejn spjegaw illi l-attur ghamel xoghol fil-propjeta tal-konvenuta. L-attur isostni illi ghamel xoghol izjed mill-quotation li hareg originarjament. Spjega li d-dar kellha bzonn hafna izjed xoghol minn dak li deher fil-bidu. Il-konvenuta tghid illi x-xoghol li sar ma sarx sew u mhux komplut. Qalet ukoll illi x-xogholijiet li l-attur qed jallega li ghamel extra kienu inkluzi mal-ewwel quotation.

It-Tribunal ihoss illi kemm l-attur kif ukoll il-konvenuta ma kienux veritieri fix-xhieda taghhom.

Wara li t-Tribunal semgha x-xhieda kollha imressqa mil-partijiet kif ukoll ra d-dokumenti pprezentati huwa jiddecidi l-kaz billi jilqa' t-talba attrici parzjalment u cioe' fl-ammont ta' elfejn ewro (€2,000) u dan peress illi jemmen li l-attur ghamel izjed xoghol minn dak mifthiem pero jirrizulta ukoll illi kien hemm xoghol li setgha sar ahjar. Filwaqt illi jichad il-kontro talba tal-konvenuta u dan peress illi ma emminx totalment lil-konvenuta fil-verzjoni taghha tal-fatti u jemmen li ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha.

Ghalhekk it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont ta' elfejn ewro (€2,000) lill-attur bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu billi terz jithallas mill-attur u zewg terzi mill-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------